MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru. 478/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**vs**

**Charlo Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Charlo Farrugia ta’ 23 sena, iben Joseph u Maria Vincenza nee’ Azzopardi imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Mejju 1978 u residenti 44, Triq Nelson, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0305778(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-5 ta' Jannar 2001, ghall-habta ta' 08.05 a.m waqt li kien isuq vettura Nru. HAB884 ta' ghamla Hyundai fi Triq Ta' Gandia Hal-Farrug limiti ta' Hal-Luqa, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, tajjar u kkaguna il-mewt ta' Maria Dolores Psaila ta' 37 sena minn Hal-Farrug, Luqa li mietet fil-21 ta' Frar 2001 gewwa l-Isptar San Luqa kawza ta' griehi li sofriet fl-imsemmi incident.

Fl-istess data, lok u hin saq l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza u bla kont, u b' manjiera traskurata.

Ghaldaqstant, il-prosekuzzjoni qieghda titlob f' kaz ta' htija barra l-piena, huwa jigi sospiz mill-licenzji kollha tieghu ghall-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta' April 2004 (esebita a fol. 156 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali ;
b) Fl-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;
c) Fl-artikoli 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju 2004, l-imputat Charlo Farrugia ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh f'Hal-Farrug, limiti ta' Hal-Luqa fil-5 ta' Jannar 2001 ghall-habta tat-8.15am fejn l-imputat li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAB 884 tajjar lil Maria Dolores Psaila. L-incident sehh fi Triq ta' Kandia, Hal-Farrug li hija dik it-triq li minn Hal-Luqa taghti ghal ta' Kandja. Din it-triq

hija triq fil-kampanja izda fiha jinsab Housing Estate tal-Gvern. Mir-rapport tal-espert tat-traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace li gie nominat fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali (process verbal relattiv inserit a fol. 29 et. sequitur tal-atti processwali) jirrizulta li Maria Dolores Psaila kienet qed tistenna mal-gemb tat-triq, bil-wieqfa ma hajt meta f'hin minnhom semghat brake kbir ta' karozza gejja mid-direzzjoni ta Hal-Qormi u malli harset fid-direzzjoni li minnha kien gej il-hoss, rat vettura ta' lewn ahdar diehla go fiha u bid-daqqa hija waqghat mal-art. Maria Dolores Psaila giet rikoverata l-Isptar minhabba l-griehi li sofriet fl-incident in dizamina, giet discharged mill-Isptar fis-16 ta' Jannar 2001 izda regghat iddahlet l-Isptar fl-24 ta' Jannar 2001 u mietet fil-21 ta' Frar 2001 waqt li kienet ghadha rikoverata l-Isptar.

Mill-provi rrizulta li fid-data u l-hin tal-incident in dizamina l-imputat Charlo Farrugia kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni HAB 884 fit-Triq ta Kandia, Hal-Farrug gej mid-direzzjoni ta' Hal-Qormi. Dan is-sewwieq jghid li ra bowser gej mid-direzzjoni opposta u jispjega li wara dan il-bowser kien hemm vettura KAB 4676 misjuqa minn Carmel Grixti. L-imputat jghid li malli l-bowser qabez id-dahla li taghti ghall-Housing Estate tal-Gvern huwa ra l-vettura misjuqa minn Carmel Grixti ddur sabiex tidhol f'din id-dahla, u huwa ghalhekk sabiex jevita impatt mal-vettura misjuqa minn Grixti, ghafas mal-hajt li kien hemm man-naha tax-xellug tieghu u ghafas il-brake, dak il-hin ra li kien hemm mara ghaddejja bil-mixi, prova jevitaha billi dawwar l-isteering izda xorta spicca sabiex laqat lil din il-mara. Meta xehed quddiem l-espert tat-traffiku l-imputat qal li huwa kien qed isuq b'velocita' ta' 60 kilometru fis-siegha. Huwa qal ukoll li l-vettura misjuqa minn Grixti ma setghax jaraha minhabba l-bowser li kien hemm quddiemha u raha biss malli l-bowser qabez l-entratura tal-Housing Estate. Huwa qal ukoll li Grixti waqaf biss malli sema' il-hoss tal-brake tal-vettura tieghu. L-imputat sostna wkoll li fit-triq kien hemm in-nida u kien hemm ukoll trab quddiem il-gate tal-Housing Estate.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 177 et. sequitur tal-atti processwali)

fejn huwa sostna li ma setghax jara lil Maria Dolores Psaila minhabba kurvatura li hemm fit-triq u anki ghaliex hija kienet mghottija minn xi pjanti. Huwa jghid ukoll li ghalkemm quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali kien xehed li kien qed isuq b’velocita’ ta 60 kilometru fis-siegha illum il-gurnata isostni li dan ma setghax ikun possibbli ghaliex huwa kellu l-kontroll tal-vettura tieghu.

Is-sewwieq tal-vettura KAB 476 Carmel Grixti kien xehed quddiem l-espert tat-traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace u xehed f’dawn il-proceduri fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru 2002 fejn huwa spjega li kien sejjer fid-direzzjoni ta’ Hal-Farrug u malli wasal vicin il-gate tal-Housing Estate sema’ brake kbir ta’ vettura miexja bi speed qawwi u f’daqqa wahda sema’ daqqa u mara twerzaq bl-ugiegh. Huwa ghalhekk waqaf u nizel sabiex jaghti l-ghajnuna anki ghaliex huwa nurse. Dan is-sewwieq qal li quddiemu kien hemm traffiku il-hin kollu  u kkonferma li kien hemm ukoll trakk izda qal li dan ma kienx qrib hafna tieghu. Huwa qal wkoll li ried jidhol fil-gate man-naha tal-lemin tieghu u spjega li meta ra li t-triq kienet clear ghaliex it-trakk kien imbieghed minnu u malli kien ser jikser sema’ hoss ta’ brejk u ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta u ghaddejja bhal vlegga. Grixti jghid li huwa li kien ghaddej bil-moghod hafna waqaf u sema tisbita u mara tghajjat bl-ugiegh.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza f’dan il-kaz qed issostni li ma giex pruvat li l-imputat kien qed isuq b’manjiera perikoluza, bla kont jew b’manjiera traskurata jew inkella li huwa naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku. Id-Difiza ssostni wkoll li hemm mankanti in-ness ta’ kazwalita’ bejn il-mod ta’ sewqan tal-imputat u l-mewt ta’ Maria Dolores Psaila li mietet kwazi sitt gimghat wara li sehh l-incident.

Minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-incident awtomobilistiku de quo sehh minhabba sewqan traskurat u negligenti da parti tal-imputat. A

tempo vergine huwa ammetta li kien qed isuq b'velocita' ta' 60 kilometru fis-siegha (u l-Qorti hija propensa li temmen din il-verzjoni tal-fatti u mhux dik moghtija mill-imputat meta xehed quddiemha fejn huwa prova jirrimedja billi jghid li ma jistghax ikun li kien qed isuq b'dik il-velocita' ghaliex huwa kellu kontroll tal-vettura tieghu). Mill-iskizz imhejji mis-surgent li nvestiga l-kollizjoni jirrizulta li l-imputat halla brake marks ta' 15 il-metru. Il-Qorti jidrilha li propju dawn il-brake marks jindikaw li l-imputat ma kellux kontroll tal-vettura tieghu ghaliex li kieku huwa kellu tali kontroll kien jieqaf tempestivament malli jilmah il-vettura ta' Grixti qed iddur bil-moghod lejn il-lemin taghha u malli lemah lil Maria Dolores Psaila. Il-velocita' li biha kien qed isuq l-imputat kienet tali li huwa ma kellux kontroll fuq il-vettura tieghu sabiex ikun jista' jieqaf kemm malli ra l'vettura ta' Grixti qed tikser u l-anqas sabiex jevita li jolqot lil Maria Dolores Psaila li kienet wieqfa mal-gemb tat-triq qed tistenna. Il-Qorti jidrilha li l-imputat kien traskurat fis-sewqan tieghu ghaliex kien qed isuq b'velocita' eccessiva meta il-prudenza u l-kundizzjoni tat-triq u l-kundizzjonijiet ambjentali kienu jiddettaw mod iehor.

Il-Qorti inoltre jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha wkoll tipprova li kienu l-griehi kagunati fl-incident awtomobilistiku de quo li kkagunaw il-mewt ta' Maria Dolores Psaila. Dan jirrizulta ampjament mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri (rapport relattiv inserit a fol. 110 et sequitur tal-process) fejn gie kkonstatat li Maria Dolores Psaila mietet bhala rizultat ta' kumplikazzjonijiet li nqalghu rizultat tal-incident tat-traffiku tal-5 ta' Jannar 2002. L-espert mediku jghid hekk « Illi fatturi li setghu jikkontribwixxu ghal dawn il-kumplikazzjonijiet jinkludu gross obesity ta' Psaila u l-istorja antika ta' deep vein thrombosis fir-rigel tal-lemin ».

F'dan ir-rigward id-Difiza donna trid tghid li peress li Maria Dolores Psaila mietet sitt gimghat wara l-incident u dan wara li kienet harget u imbaghad regghat iddahlet l-Isptar ma jistghax jinghad b'certezza li hija mietet bhala konsegwenza tal-griehi li hija sofriet fl-incident tal-5 ta' Jannar 2002. Il-Qorti izda jidrilha li mill-provi rrizulta

ampjament li kienu l-griehi li Maria Dolores Psaila sofriet fl-incident tal-5 ta’ Jannar 2002 li kkawzaw il-kumplikazzjonijiet li mbaghad waslu ghall-mewt taghha. Huwa minnu li hija mietet kwazi sitt gimghat wara l-incident izda huwa wkoll minnu li ftit tal-jiem wara li hija giet rilaxxjata mill-Isptar hija reghat giet rikoverata l-Isptar minhabba kumplikazzjonijiet li inqalghu bhala konsegwenza tal-griehi li kienet sofriet fl-incident. L-obesita’ u l-istorja medika ta’ Psaila rrendew il-griehi li hija sofriet aktar gravi fis-sens li inqalghu kumplikazzjonijiet li forsi ma kienux jinqalghu f’persuna irqaq u bi storja medika differenti izda dan ma jfissirx li ma giex pruvat li ma kienux il-griehi kagunati fl-incident  de quo li waslu ghall-mewt ta’ Maria Dolores Psaila.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-23 ta’ April 2004 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, b’dan illi in kwantu jirrigwarda it-tieni(2) akkuza huwa qed jinstab hati biss ta’ sewqan traskurat u mhux ta’ sewqan perikoluz, u tikkundannah multa ta’ elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u tiskwalifikah milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal zmen tlett(3) xhur millum.

**B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna lill-imputat sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ hames mija u hdax-il ewro u hamsa u hamsin centezmu (511.55€) rapprezentanti l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------